# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

### Udjenza ta' nhar il-Ħamis, 9 ta' Jannar 2024

**Kawża Nru: 8/2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ritienne Gauci)**

**vs**

**Mildred Mary Fenech (K.I. 84651(M))**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuża miġjuba fil-konfront ta' Mildred Mary Fenech, mwielda fil-15 ta' Jannar, 1951 Paola, bint Anthony u Ines nee Debono, detentriċi tal-karta tal-identità nru 84651M u residenti 44, Triq F.W. Ryan, Naxxar u ċioé:

*Akkużata b'diversi atti ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat:*

1. *Bħala sid il-kera jew amministratur tal-fond 44A, Santa Marija, Triq F.W. Ryan, Naxxar, nhar is-16 ta' Settembru 2022 kif ukoll fil-ġimgħat u x-xhur preċedenti, bi ksur tal-Liġiijiet u regolamenti applikabbli, naqsest li tirreġistra il-kirja tal-imsemmi fond lil Peter Farkas mal-Awtorita' tad-Djar.*

   *Ghaldaqstant, il-Qorti hija mitluba bir-rispett tordna lill-ħati, ai termini tal-Artikolu 22(1) Kap. 604 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex thallas il-penali skont il-Ligi, għar-raġunijiet hawn fuq speċifikati u ċioe multa ta' mhux aktar minn għaxart elef Ewro (€10,000).*

Rat dak li seħħ fis-seduta tal-lum[1] fejn dehret l-imputata, issa debitament notifikata[2], u ressqet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

Rat li l-Prosekuzzjoni iddikjarat li kienet qiegħda tistrieħ fuq l-atti.

Rat l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidrat**

**<u>Fatti</u>**

Illi din il-kawża titratta allegat nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' kirja privata skond kif rikjest mill-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Malta.

[1] Verbal relattiv jinsab a fol 10 tal-proċess.
[2] A fol 9 tal-proċess.

Illi skond l-artikolu 22 tal-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Malta, dan ir-reat iġorr miegħu piena ta' multa biss, u dan fl-ammont ta' bejn elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500) u għaxart elef Ewro (€10,000).

Illi l-artikolu 688(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta irid li l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni ta' sentejn meta din tirrigwarda delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet. F'dan il-każ, dan huwa l-artikolu applikabbli.

Illi skond ir-referta mressqa fl-udjenza tal-lum, l-imputat ġiet debitament notifikata[3] b'dan il-każ fid-19 ta' Novembru 2024[4]. Skond l-akkuża, l-aħħar nuqqas[5] seħħ fis-16 ta' Settembru 2022.

Illi huwa ċar li s-sentejn laħqu iddekkorru.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u filwaqt li tiddikjara l-azzjoni bħala waħda preskritta, tillibera lill-imputata minn kull ħtija u piena.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Magistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

---

[3] Regolament 4 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 9.22.
[4] Minn din id-data skatta dak li jrid l-artikolu 693(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[5] Artikolu 691(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta